# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

## Seduta tat-Tlieta, 26 ta' Settembru 2023

## Talba numru 301/2021SFJ

**EDGAR GATT (282778M)**
**VS.**
**FACEWORKS LIMITED (C45739)**

**It-Tribunal:**

Ra, l-ewwelnett, li din il-kawża nstemgħet kompletament quddiem dan it-Tribunal diversament ippresedut, u kien biss fl-udjenza tal-21 ta' Frar 2023 li t-Tribunal diversament ippresedut invoka l-Artikolu 734 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u konsegwentement il-kawża ġiet assenjata lit-Tribunal kif preżentement ippresedut;

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat fit-3 ta' Novembru 2021 li permezz tiegħu l-attur talab li s-soċjetà konvenuta tkun ikkundannata tħallsu s-somma ta' disa' mija u sitt Ewro u sebgħa u disgħin ċenteżmu (€906.97) rappreżentanti miżata dovuta lilu għal servizzi professjonali reżi lis-soċjetà konvenuta;

Ra r-Risposta ppreżentata fis-26 ta' Novembru 2021 li permezz tagħha ġie eċċepit li s-soċjetà konvenuta ma kinitx leġittimu kontradittur u li fil-fatt, is-servizzi reżi mill-attur saru għall-benefiċċju tal-iżviluppatur David Caruana u fuq talba ta' David Caruana stess, u mhux għall-benefiċċju tas-soċjetà konvenuta u fuq talba tagħha;

Sema' ix-xhieda kollha, qara d-dokumentazzjoni kollha ippreżentata u ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għas-26 ta' Settembru 2023.

**<u>Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal</u>**

Ladarba s-soċjetà konvenuta eċċepiet li ma kinitx leġittimu kontradittur, huwa meħtieġ li t-Tribunal jeżamina jekk din l-eċċezzjoni għandhiex tirnexxi.

It-Tribunal jirreferi għas-sentenza tal-Prim' Awla fl-ismijiet ***<u>Pauline MacDonald vs. Medistar Healthcare Services Limited et</u>*** (deċiża fit-28 ta' Settembru 2016) li fiha ntqal:

> "*Il-kriterji li jirrendu parti f'kawza bhala legittimu kontradittur jirrizultaw ben cari mill-gurisprudenza:*
>
> *Focal Maritime Services Company Limited vs Top Hat Company Limited deciza fid-9 t'April 2008 mill-Qorti tal-Appell:*
>
> *"In linea ta' prinċipju ġenerali huwa, bla dubju, indiskuss illi d-deduzzjoni ta' konvenut f'ġudizzju trid, neċessarjament, titwieled minn rapport ġuridiku, sija jekk dan jemani minn kuntratt, leżjoni ta' dritt minn intervent delittwuż jew akwiljan, ope successionis jew minn sitwazzjonijiet strutturalment komuni (ad eżempju, f'kondominju jew il-kreazzjoni ta' ċerti servitujiet). Li jfisser, b'konsegwenza, illi kawża ma tkunx tista' tikkonsegwi l-iskop tagħha jekk mhux fil-konfront ta' dak li miegħu l-attur, għal xi waħda mill-konnessjonijiet aċċennati, għandu relazzjoni ġuridika.*
>
> *Fil-kaz fl-ismijiet Edgar Urpani pro et noe vs Continental Meat Co. Ltd deciz fit-23 t'Ottubru 2009 intqal hekk:*
>
> *"Huwa ben risaput illi, u apparti mill-operat tal-ligi, il-kostituzzjoni in gudizzju ta' parti mharrka tinsel minn qaghda ta' rapport guridiku precedenti, sija kontrattwali, extra-kontrattwali, delittwuz jew akwiljan. Ara Artikolu 959 Kodici Civili. Dan necessarjament ifisser illi l-azzjoni proposta jrid ikollha bejn il-partijiet konnessjoni ma' l-oggett jew it-titolu tal-kawza."*
>
> *Illi inoltre l-gurisprudenza tkompli hekk:*
>
> *"Ghal fini tal-valutazzjoni tal-integrità tal-kontradittorju rigward irid isir b'mod esklussiv ghal dak prospettat mill-attur bit-talba tieghu. Dan ghaliex il-kontradittorju hu determinat fuq il-bazi tad-domanda proposta." (Avukat Dr Aaron Mifsud Bonnici noe vs European Institute of Education Limited).*"

L-attur xehed li kien il-perit inkarigat minn proġett dwar demolizzjoni ta' żewġt idjar, skavar, u l-kostruzzjoni ta' blokk appartamenti. Is-soċjetà konvenuta kienet inkarigata mill-iskavar tas-sit. L-inkarigu tal-attur vis-à-vis s-soċjetà konvenuta kienet li jkejjel ix-xogħol li sar u jiċċertifikah għal finijiet ta' ħlas, jiġifieri biex il-kuntrattur ikun jista' jitħallas. Huwa rrefera għat-Tariffa K (li tifforma parti mill-Iskeda A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u qal li l-persentaġġ ta' tnejn fil-mija (2%) dovut lilu ġeneralment jitħallas inkwantu wieħed fil-mija (1%) mingħand il-kuntrattur u

wieħed fil-mija (1%) mill-klijent. L-attur irrefera għal sensiela ta' *e-mails* skambjati bejnu u ċertu Etienne (wieħed mid-diretturi tas-soċjetà konvenuta), liema *e-mails* ġew ippreżentati fl-atti.

Fil-kontro-eżami, l-attur ikkonferma li s-sid tal-proġett kien ċertu David Caruana, u għalhekk Caruana kien il-klijent tal-perit. Għalkemm l-attur ma kienx ċert, it-Tribunal qara t-Tariffa K u kkonferma li t-tariffa tindika l-perċentwal li jrid jitħallas, u mhux min irid iħallas l-ammont jew partijiet minnu. L-attur ikkonferma li sabiex il-proġett jitkompla b'suċċess, l-iskavar kellu tabilfors isir.

In eżami, David Caruana, li huwa l-iżviluppatur, xehed li ġeneralment il-periti jitħallsu għal xogħol ta' kejl inkwantu wieħed fil-mija (1%) mingħand il-kuntrattur u wieħed fil-mija (1%) mill-iżviluppatur.

It-Tribunal ra sewwa l-*e-mails* ippreżentati (*a fol.* 18 *et seq.*) u ra li Etienne Mallia, direttur tas-soċjetà konvenuta, talab lill-Perit Gatt jaħdimlu l-kont. Għalkemm l-*e-mails* jindikaw nuqqas ta' qbil fis-sens li s-soċjetà konvenuta riedet timxi mal-kalkoli tas-*surveyor* imqabbad minnha u mhux mal-kalkoli tal-attur, huwa ovvju li s-soċjetà konvenuta tammetti li hija għandha tħallas lill-attur. Il-kontestazzjoni fl-*e-mails* hija biss dwar il-metodoloġija tal-kalkoli u mhux dwar jekk huwiex dovut ħlas jew le. Madankollu, is-soċjetà konvenuta, f'dawn il-proċeduri, ma ressqet ebda eċċezzjoni li tikkontesta l-*quantum* iżda biss l-eċċezzjoni li hija ma kinitx leġittimu kontradittur. Dan ifisser li jekk din l-eċċezzjoni ma treġix, is-soċjetà konvenuta ma jifdlilha ebda difiża.

Inoltre, is-soċjetà konvenuta f'ebda punt ma ssuġġeriet li xi persuna oħra kellha tkun imsejħa fil-kawża sabiex twieġeb għall-pretensjonijiet tal-attur, iżda llimitat ruħha biss għall-eċċezzjoni li hija ma kinitx leġittimu kontradittur.

L-*e-mails* ippreżentati mill-attur u li f'ebda punt ma ġew ikkontestati mis-soċjetà konvenuta jxejnu d-difiża tas-soċjetà konvenuta stess.

Fl-affidavit tiegħu, Etienne Mallia, direttur tas-soċjetà konvenuta, jipprova jagħti kulur pjuttost differenti lill-*e-mails* ippreżentati mill-attur. B'referenza għall-*e-mail* fejn huwa jgħid "*I will settle once issue settled…*", Etienne Mallia jiċċara li b'dik rid jgħid li kien għad irid jara l-affarijiet min-naħa tas-soċjetà konvenuta billi hu kien jaħdem fl-operat tal-kumpanija u mhux fl-*accounts*. Għalhekk, effettivament Mallia jiċħad li dik is-sentenza kienet tikkostitwixxi aċċettazzjoni. Mallia mbagħad jgħid ukoll li huwa ħa parir mill-avukati tal-kumpanija u dawn qalulu li jekk il-perit ma kienx inkarigat mill-kumpanija, mela l-kumpanija ma kinitx obbligata tħallsu.

B'referenza għall-aħħar parti tal-paragrafu preċedenti, it-Tribunal jaqbel li *sic et simpliciter*, jekk kumpanija ma tkunx inkarigat professjonist hija stess, hija ma tkunx obbligata tħallsu. Pero t-Tribunal għandu d-dubji tiegħu jekk qabel ingħata dan il-parir, l-avukat jew avukati li taw dan il-parir ingħatawx viżibilità sħiħa tal-kwistjoni kif esplorata f'din il-kawża minn min ikun talab il-parir, inkluż viżibilità tal-*e-mails* relattivi.

It-Tribunal jenfasizza li għalkemm Etienne Mallia pprova jiċċara wieħed mill-*e-mails* li huwa bagħat, huwa ma ċaħadx li fl-*e-mail* li tinsab *a fol.* 18 tal-atti, huwa stess talab lill-attur jibgħatlu l-kont. Evidentement, il-partijiet ma qablux fuq l-ammont, iżda dan it-Tribunal ma jistax jidħol fi kwistjonijiet dwar l-ammont ladarba ma tressqet ebda eċċezzjoni f'dak is-sens.

**<u>Deċide</u>**

Għaldaqstant, wara li sema' x-xhieda, ra d-dokumenti esebiti, u sema' l-partijiet jittrattaw, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi għar-raġunijiet hawn fuq spjegati:

i. Jiċħad iż-żewġ eċċezzjonijiet tas-soċjetà konvenuta;

ii. Jilqa' it-talbiet kollha tal-attur u jikkundanna lil Faceworks Limited (C45739) sabiex tħallas l-ammont ta' disa' mija u sitt Ewro u sebgħa u disgħin ċenteżmu (€906.97) lill-attur, flimkien mal-imgħax dekorribbli skont kif indikat fl-Avviż tat-Talba u kalkulabbli b'rata mhux ogħla mir-rata massima permessa skont il-liġi;

iii. Jikkundanna lis-soċjetà konvenuta Faceworks Limited (C45739) sabiex tħallas l-ispejjeż tal-kawża.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
*B.A., L.P., Mag. Jur. (Int. Law), LL.D.*
**Ġudikatur**